MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 132/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Raymond Debono**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm558.63 (hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ E-talk Cards mibjugha u kkonsenjati lil konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-12 ta' Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-19 ta' April 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------